*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,830, 18 ta' Ottubru, 2005*
*Taqsima B*

**A.L. 342 ta' l-2005**

## ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
## (KAP. 406)

### Ordni ta' l-2005 dwar Emenda fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel, għall-finijiet speċifikati fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu, dan l-Ordni li ġej:-

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2005 dwar Emenda fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandu bħala għan li jittrasponi fil-Liġi ta' Malta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2002/8/KE tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tas-27 ta' Jannar, 2003. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Ordni għandu jibda jseħħ fit-18 ta' Ottubru, 2005.

**2.** L-iskop ta' dan l-Ordni hu sabiex jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2002/8/KE sabiex jiġu provduti regoli komuni minimi dwar l-għajnuna li tingħata lil persuni naturali f'tilwimiet transkonfini f'materji ta' xorta ċivili u kummerċjali, tkun xi tkun ix-xorta tal-qorti jew tat-tribunal, minbarra dawk it-tilwimiet li għandhom x'jaqsmu mad-dħul finanzjarju, id-dwana jew materji amministrattivi. Skop.

**3.** Minnufih wara t-Titolu X tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiżdied dan it-Titolu u dawn l-artikoli li ġejjin:- Iżid it-Titolu XA mat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

### "Titolu XA

FUQ L-GĦAJNUNA LEGALI
(TILWIM TRANSKONFINI)

**928A.** Għall-finijiet ta' dan it-Titolu - Tifsir.

"id-Direttiva" tfisser id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/8/KE tas-27 ta' Jannar, 2003 sabiex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwimiet transkonfini billi jiġu stabbiliti regoli komuni minimi dwar l-għajnuna legali għal dawk it-tilwimiet;

"Stat Membru" tfisser kull Stat minn dawk imsemmija fit-tifsira "it-Trattat" li hemm fl-artikolu 2 (1) ta' l-Att eskluża d-Danimarka;

"tilwima transkonfini" tfisser tilwima li fiha l-parti li tkun qegħda tapplika għall-għajnuna legali fil-kuntest tad-Direttiva jkollha d-domiċilju jew fejn tkun abitwalment residenti, kif stabbilit bl-Artiklu 59 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 44 ta' l-2001, fi Stat Membru li ma jkunx Malta jew fejn tkun ser tiġi inforzata d-deċiżjoni.

Dritt għal għajnuna legali.

**928B.** (1) L-għajnuna legali għandha tingħata lil rikorrenti li jkunu involuti f'tilwima transkonfini u li ma jkunux, jew biss f'parti jew għalkollox, kapaċi jħallsu l-ispejjeż tal-proċedimenti minħabba fil-qagħda ekonomika tagħhom.

(2) Rikorrenti li jkunu rċevew l-għajnuna legali fi Stat Membru li ma jkunx Malta dwar proċedimenti quddiem qorti f'dak l-Istat Membru l-ieħor, ikollhom jedd jirċievu l-għajnuna legali f'Malta jekk ikunu bi ħsiebhom imexxu għar-rikonoxximent jew l-infurzar tas-sentenza f'Malta.

(3) L-għajnuna legali tapplika għal:

(a) pariri li jingħataw qabel il-litigazzjoni bil-għan li jintlaħaq ftehim qabel ma jinbdew il-proċedimenti legali;

(b) assistenza u rappreżentanza legali fil-qorti, ukoll fl-istadju ta' l-appell, kemm bl-ispejjeż tal-proċedimenti ta' min jirċievi kemm mingħajrhom;

(ċ) l-ispejjeż tal-parti opposta li kieku min jirċievi jkun tilef il-kawża u kien ikun hekk obbligat li jħallas dawk l-ispejjeż kieku kien domiċiljat jew soltu residenti fl-Istat Membru fejn tkun qegħda tiltaqa' l-qorti;

(d) l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fi Stat Membru ieħor;

(e) proċeduri *extra* ġudizzjarji taħt il-kondizzjonijiet imfissra fid-Direttiva jekk ikun hemm ħtieġa legali biex il-partijiet jagħmlu użu minnhom jew jekk il-partijiet fit-tilwima jiġu ordnati mill-qorti li jirrikorru għalihom.

(4) L-għajnuna legali għandha tiġi mogħtija jew miċħuda mill-awtorità kompetenti meta l-qorti tkun qegħda tagħmel is-seduta tagħha f'Malta u mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li mhux

Malta meta l-qorti tkun qegħda tagħmel is-seduta tagħha f'pajjiż li mhux Malta.

(5) Mingħajr preġudizzju għas-subartiklu (4) ta' dan l-artiklu, rikorrent għall-għajnuna legali ma jistax jiġi mċaħħad milli jingħata għajnuna legali jekk iġib prova li ma jistax iħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti minħabba f'differenzi li joħorġu fl-għoli tal-ħajja bejn l-Istat Membru ta' domiċilju jew ir-residenza tas-soltu, u l-forum.

**928Ċ.** Għall-finijiet tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti f'Malta hi l-Avukat għal Għajnuna Legali kif imfisser fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 911 tal-Kodiċi.

Hatra ta' l-awtorità kompetenti.

**928D.** Ikun id-dmir ta' l-awtorità kompetenti:

Funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

(a) li tagħmilha ta' l-awtorità li tirċievi jew twassal rikorsi għall-għajnuna legali;

(b) li tgħin lir-rikorrent sabiex jiġi żgurat li r-rikors ikollu miegħu d-dokumenti ta' sostenn kollha li jkun jaf bihom dak ir-rikorrent bħala meħtieġa sabiex ir-rikors ikun jista' jiġi deċiż;

(ċ) bħala awtorità li twassal, li tgħin lir-rikorrent sabiex jipprovdi t-traduzzjoni tar-rikors u tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa meta jiġi ppreżentat ir-rikors għand l-awtoritajiet fi Stat Membru ieħor;

(d) bħala awtorità li tirċievi, li tivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika ta' persuna fil-kuntest tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 912 tal-Kodiċi, inkluż ammont tar-riżorsi ta' persuni li jkunu finanzjarjament jiddependu mir-rikorrent;

(e) li tagħti jew tiċħad l-għajnuna legali;

(f) li tqis, meta tkun qegħda tieħu deċiżjoni fuq il-merti ta' rikors u mingħajr preġudizzju għal paragrafu (d) ta' dan l-artiklu, l-importanza tal-każ individwali għar-rikorrent u tista' wkoll tqis ix-xorta tal-każ meta r-rikorrent ikun qiegħed jitlob li jingħata kumpens għal danni li sofra għar-riputazzjoni tiegħu iżda li ma jkun sofra ebda telfien materjali jew finanzjarju, jew meta r-rikors ikun dwar talba li toriġina direttament mis-sengħa tar-rikorrent jew mill-professjoni ta' persuna li timpjega lilha nnifisha;

(ġ) li żżomm lir-rikorrent mgħarraf bl-ipproċessar tar-rikors, u meta r-rikors jiġi miċħud kemm għalkollox kemm biss f'parti, li tagħti r-raġunijiet tagħha għal dik iċ-ċaħda;

(ħ) li tiddeċiedi jekk min ikun qiegħed jirċievi l-għajnuna legali ikollux iħallas lura għalkollox jew biss parti mill-għajnuna mogħtija jekk l-għajnuna finanzjarja tiegħu tkun tjiebet b'mod sostanzjali jew jekk id-deċiżjoni li għandha tingħata l-għajnuna legali kienet ittieħdet abbażi ta' informazzjoni mhux preċiża li tkun ġiet mogħtija minn min jirċievi dik l-għajnuna, u li tiġbor lura kull ħlas lura li jkun hekk dovut.

Proċedura.

**928E.** (1) Rikorsi għall-għajnuna legali minn persuni domiċiljati jew soltu residenti f'Malta jistgħu jiġu ppreżentati jew:

(a) lill-awtorità kompetenti f'Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-awtorità li twassal"; jew

(b) lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn tiltaqa' l-qorti jew fejn tkun ser tiġi inforzata d-deċiżjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-awtorità li tirċievi".

(2) Ir-rikorsi għall-għajnuna legali għandhom isiru skond dawk il-formoli li jistgħu jiġu ordnati mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja b'Ordni fil-Gazzetta.

(3) L-awtorità kompetenti f'Malta tista' tiddeċiedi li tirrifjuta li twassal rikors lill-awtorità li tirċievi ta' Stat Membru ieħor jekk dan ikun bid-dieher:

(a) infondat; jew

(b) joħroġ 'il barra mill-iskop tad-Direttiva.

Meta rikors għal twassil jiġi miċħud għalkollox jew biss f'parti, għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal dak iċ-ċħid, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 917 tal-Kodiċi.

(4) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (3), meta l-awtorità kompetenti f'Malta tirċievi talba għall-għajnuna legali li jkollha x'taqsam ma' proċedimenti li jkunu għaddejin quddiem qorti fi Stat Membru li ma jkunx Malta, hija għandha tibgħat ir-rikors lill-awtorità kompetenti li tirċievi fl-Istat Membru l-ieħor fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jiġi riċevut ir-rikors magħmul kif imiss f'xi waħda mil-lingwi ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità kompetenti li tirċievi, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn, tradotti meta dan ikun meħtieġ, f'xi waħda minn dawk il-lingwi.

(5) Ir-rikorrent għall-għajnuna legali għandu jkun mgħarraf b'kollox dwar l-ipproċessar tar-rikors.

(6) Meta l-awtorità kompetenti f'Malta tiċħad milli tagħti l-għajnuna legali, hija għandha tgħarraf lir-rikorrent bir-raġunijiet għal dak iċ-ċħid, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 917 tal-Kodiċi.

**928F.** (1) L-għajnuna legali li tingħata mill-awtorità kompetenti f'Malta, meta din tkun qegħda tagħmilha ta' awtorità li tirċievi, għandha tkun tkopri dawn l-ispejjeż li ġejjin: Spejjeż.

(a) l-interpretazzjoni;

(b) it-traduzzjoni ta' dokumenti meħtieġa mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti u ppreżentati lil min jirċievi, li jkunu meħtieġa biex ikun jista' jiġi deċiż il-każ;

(ċ) spejjeż ta' l-ivvjaġġar li jkollu jħallas ir-rikorrent meta tkun meħtieġa l-preżenza fiżika fil-qorti tal-persuni involuti fit-trattazzjoni tal-każ tar-rikorrent, u l-qorti tkun sodisfatta li l-persuni involuti ma jkunu jistgħu jiġu mismugħa għas-sodisfazzjon tal-qorti b'ebda mezz ieħor.

(2) L-għajnuna legali li tingħata mill-awtorità kompetenti f'Malta meta din tkun qegħda taġixxi bħala awtorità li twassal għandha tkun tkopri dawn l-ispejjeż li ġejjin:

(a) spejjeż li jkollhom x'jaqsmu ma' l-assistenza ta' avukat lokali jew ta' persuna oħra li jkollha jedd li tagħti pariri legali, li jsiru mill-awtorità kompetenti sakemm ir-rikors għall-għajnuna legali jkun ġie milqugħ fl-Istat Membru fejn il-qorti tkun qegħda tagħmel is-seduti tagħha;

(b) it-traduzzjoni tar-rikors u tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa meta r-rikors jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru fejn il-qorti tkun qegħda tagħmel is-seduti tagħha.

**928Ġ.** Għandhom jitħallsu lura lill-awtorità kompetenti l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mat-traduzzjoni tar-rikors u d-dokumenti ta' sostenn li jsiru mill-awtorità kompetenti wara li jkun sar rikors għall-għajnuna legali minn persuna domiċiljata jew li tkun soltu residenti f'Malta, jekk ir-rikors jiġi miċħud mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li ma jkunx Malta fejn il-qorti tkun qegħda tagħmel is-seduti tagħha. Spejjeż oħra.

**928Ħ.** Dokumenti li jiġu mwassla mill-awtorità kompetenti jkunu eżenti minn kull liġi jew xi formalità oħra bħal dik.". Mixxellanji.